MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 62/2014/1

**Jeffrey Cilia**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fid-29 ta' Jannar 2014, u li jaqra hekk:

"1. Illi l-esponenti huwa spettur anzjan u dan sa mis-sena 1999. Illi b'effett mit-23 ta' Dicembru 2011, huwa kien sospiz mix-xoghol minhabba proceduri penali li gew inizjati kontra tieghu;

"2. Illi r-rikorrenti jikkontendi li l-proceduri ta' sospenzjoni tieghu kienu vvizjati u dan a bazi ta' zewg ragunijiet kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza. Illi fl-ewwel lok, il-proceduri kienu vvizjati ghaliex ma gewx osservati d-dettami tal-Ligi li kellha thares il-mod korrett ta' kif saret is-sospenzjoni u wkoll l-fatt li ma gewx osservati l-principji tad-dritt naturali billi l-esponenti attur gie sospiz minghajr ma ta l-verzjoni tieghu. Illi fit-tieni lok il-process tas-sospenzjoni kien ukoll ivvizzjat peress li kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri kien gie kondott minn ufficjali fil-Korp tal-Pulizija li kellhom kunflitt ta' interess grossolan mal-ezitu tal-investigazzjoni li wasslet ghas-sospenzjoni tar-rikorrenti mill-Korp tal-Pulizija;

"3. Illi kawza tal-fatt ukoll li r-rikorrenti gie sospiz ingustament mix-xoghol tieghu huwa sofra danni konsiderevoli u dan kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

"4. Illi inoltre l-intimat Kummissarju tal-Pulizija erronjament, peress li r-rikorrenti huwa sa issa fil-mument tal-presentata ta' dan ir-rikors guramentat sospiz minn xogholu b'mod skorret kif hawn qed jinghad, eskluda lir-rikorrenti mill-possibilta` li japplika ghal 'promotion exercise' fi hdan l-istess Korp tal-Pulizija sabiex minn grad ta' Spettur isir Supretendent tal-Pulizija. Illi din l-applikazzjoni sehhet fix-xahar ta' Awwissu tas-sena 2013, u l-ezercizzju kellu jibda fis-16 ta' Dicembru 2013. Illi r-rikorrenti minkejja li sospiz jikkontendi li

kellu dritt jippartecipa f'dan l-ezercizzju u mhux biss izda tenut kont il-kapacitajiet tieghu s-*seniority* li ghandu kellu jkun maghzul;

"5. Illi minhabba fl-agir tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, l-esponenti kien kostrett jintavola talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u di fatti permezz ta' digriet datat 9 ta' Jannar 2014, it-talba tar-rikorrenti sabiex l-intimat jigi inibit milli jipprosegwi bil-'promotion exercise' hawn fuq imsemmi giet milqugha. Ghal dan il-ghan wiehed jirreferi ghad-digriet moghti fil-proceduri *'Jeffrey Cilia vs Kummissarju tal-Pulizija et'* Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1868/2013 JRM;

"6. Illi l-intimati gew interpellati b'dana kollu permezz ta' att gudizzjarju ossia protest guddizzjarju datat 28 ta' Novembru 2013, izda sfortunatament minkejja appell sabiex il-kwistjoni tigi rimedjata, l-istess intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

"Jghidu ghalhekk l-intimati konvenuti jew min minnhom ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara li r-rikorrenti f'dan l-istadju jinsab illegalment sospiz mix-xoghol tieghu u dan peress li d-decizjoni tas-sospenzjoni originarjament saret b'mod skorret u ma gewx osservati d-dettami tal-Ligi li jirregolaw kif kellha ssir tali sospenzjoni;

"2. Tiddikjara li r-rikorrenti meta gie sospiz mix-xoghol tieghu, tali sospenzjoni kienet karpita minn kunflitt ta' interess da parti tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija u ghalhekk ukoll l-imsemmija sospenzjoni hija wahda illegali;

"3. Konsegwentement tiddikjara illi r-rikorrenti kawza ta' dan l-agir sofra danni, liema danni ghandhom jigu likwidati anke bl-opera ta' periti jew esperti komputisti;

"4. Tordna lill-intimati sabiex ihalsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

"5. Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa presentement ukoll eligibli sabiex jippartecipa fi 'promotion exercise' fi hdan il-Korp tal-Pulizija, sabiex minn Spettur Anzjan isir Supretendent tal-Pulizija. Illi l-partecipazzjoni tar-rikorrenti ghandha tkun wahda sancita mill-Public Service Comission ghal finijiet u effetti tal-Ligi;

"6. Testendi ghal mod indefinit l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1868/2013 JZM fl-ismijiet 'Jeffrey Cilia vs Kummissarju tal-Pulizija et' degretat fid-9 ta' Jannar 2014;

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju numru 541/2013 datat 28 ta' Novembru 2013 u bl-imghax, u b'hekk il-konvenuti intimati jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepixxa illi:

"I. Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 u fil-fatt permezz tad-decizjoni tal-Onorabbli Prim'Awla preseduta mill-Onorabbli Imhallef Joseph McKeon tad-9 ta' Jannar 2014, l-esponent Avukat Generali gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

"II. Illi in linea preliminari wkoll, il-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet li jikkoncernaw is-sospenzjoni tar-rikorrent u ghalhekk tali talbiet mhux ezegwibbli fil-konfront tieghu peress li l-grad tar-rikorrent huwa dak ta' Spettur u cioe` Gazzetted Officer u ghalhekk il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku hija l-awtorita` kompetenti f'dan ir-rigward;

"III. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari wkoll, il-meritu tar-Rikors odjern huwa illum ezawrit inkwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-9 ta' Jannar 2014 laqghet it-talba kif dedotta fir-Rikors ghal hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni (Ref. 1868/2013/1) intavolat mir-

rikorrent kontra l-esponent Kummissarju meta ddecidiet li tilqa’ l-istess talba u cioe` li jitwaqqaf milli:

> *““Tkompli tipprosegwi bl-esercizzju ta’ ghazla ghall-grad ta’ Supretendent tal-Pulizija u dan peress li l-esponenti (ir-rikorrent) ngustament ma giex ikkunsidrat ghal dan l-ezercizzju u dan peress li huwa ma giex mgharraf bhal spetturi tal-pulizija ohra li applikaw.”*

“stante li effettivament l-esponent Kummissarju baghat ittra lir-rikorrent li giet notifikata lilu personalment fl-10 ta’ Jannar 2014, fejn a bazi tal-imsemmi digriet tal-Qorti koncernata, ir-rikorrent inghata l-opportunita` li japplika ghall-process ta’ selezzjoni ghal grad ta’ Supretendent bhall-Ispetturi Anzjani l-ohra li kienu eligibbli, sal-24 ta’ Jannar 2014; haga li r-rikorrent ghar-ragunijiet tieghu ghazel li ma jaghmilx u minflok ghazel li jintavola l-proceduri odjerni;

“IV. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

> “1. Illi l-kwadru tal-fatti moghti mir-rikorrent huwa wiehed li ma jurix il-perspettiva korretta tal-fatti rilevanti u ghalhekk huwa svijanti;
>
> “2. Illi ghandu jigi pprecizat li r-rikorrent gie ingaggat mal-Korp tal-Pulizija bhala kuntistabbli fl-1 ta’ Frar 1992 bi prova ghal sena; gie konfermat fil-grad ta’ kuntistabbli fl-1 ta’ Frar 1992; fl-10 ta’ Gunju 1997 gie promoss ghal grad ta’ surgent bi prova; fl-10 ta’ Gunju 1998 gie konfermat bhala surgent tat-tielet klassi; fis-6 ta’ Lulju 1999 gie appuntat bhala Spettur tal-Pulizija bi prova; fis-6 ta’ Lulju 2001 gie kkonfermat bhala Spettur tal-Pulizija u fis-6 ta’ Lulju 2009 gie konfermat bhala Spettur Anzjan;
>
> “3. Illi effettivament l-esponent Kummissarju mill-ewwel agixxa in konformita` mad-digriet tal-Onorabbli Prim’Awla koncernata sabiex jaghti lir-rikorrent l-opportunita` li japplika u b’hekk jippartecipa fil-process ta’ selezzjoni flimkien ma’ spetturi ohra li kienu eligibbli li japplikaw ghall-

istess process, izda r-rikorrent ghazel li ma japplikax ghar-ragunijiet ulterjuri tieghu;

"4. Illi ladarba r-rikorrent ghazel li ma japplikax ghall-process ta' selezzjoni ghal grad ta' Supretendent, m'ghandux ikollu iktar pretensjonijiet fil-konfront tar-rikorrent. Bin-nuqqas ta' applikazzjoni jidher car li l-ghan wara l-proceduri odjerni hu unikament li r-rikorrent izomm iffrizzat il-process kollu ta' selezzjoni ghall-gradi ta' Supretendenti inutilment;

"5. Illi huwa manifest li kwalunkwe allegazzjoni tar-rikorrent li s-sospensjoni tieghu mill-funzjoni tad-dmirijiet tieghu mal-Pulizija Ezekuttiva saret illegalment hija manifestament infondata u ma tregix stante li s-sospensjoni tieghu saret a bazi tal-proceduri tar-Regolament 12(3) dwar ir-Regolamenti tad-Dixxiplina. Inoltre, lanqas ma hi sostenibbli l-allegazzjoni li r-rikorrent allegatament *gie sospiz minghajr ma ta l-verzjoni tieghu* u/jew li *kien hemm kunflitt ta' interess mal-ezitu tal-investigazzjoni li wasslet ghas-sospensjoni tar-rikorrent.* Fil-fatt, jirrizulta li ffirma dikjarazzjoni li kien qed jirrifjuta l-jedd ghal parir legali qabel l-istqarrija fejn baqa sieket ghal kwalunkwe risposta li gie mistoqsi;

"6. Illi inoltre u f'kwalunkwe kaz, l-esponent Kummissarju ssospenda lir-rikorrent mill-ezercizzju tas-setghat u tal-funzjonijiet tal-kariga tieghu b'effett mit-23 ta' Dicembru 2011, ai termini tar-Regolament 12(3) dwar ir-Regolamenti tad-Dixxiplina peress li kienu ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu a bazi ta' akkuzi, fost ohrajn b'reat bi ksur tal-Artikoli 214, 216, 221(1), 339(d), 338(dd), 95(1), 338(e), 141 tal-Kap. 9. Jirrizulta li s-sospensjoni tal-Kummissarju dwar is-Servizz Pubbliku b'ittra datata 4 ta' Mejju 2012. Bir-rispett dovut, hemm distinzjoni netta bejn is-sospensjoni tar-rikorrent mis-setghat u mill-funzjonijiet tal-kariga tieghu u mill-banda l-ohra l-opportunita` li japplika ghal process ta' selezzjoni ghal grad ta' Supretendent flimkien mal-ufficjali l-ohra li kienu eligibbli sabiex japplikaw ghall-istess grad, opportunita` li *del resto* inghatatlu wara d-digriet tal-Onorabbli Prim'Awla u li ghar-ragunijiet tieghu ghazel li jiskarta ghal kollox. Ghalhekk, l-esponent Kummissarju fic-cirkostanzi odjerni, kellu l-obbligu skont il-ligi li jissospendi lir-rikorrent mill-funzjonijiet tieghu fi hdan il-Korp tal-Pulizija, li hu ufficcju msejjes fuq *public trust*, sakemm ma jigu decizi finalment il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu;

"7. Inoltre, fic-cirkostanzi odjerni, in vista tal-fatt li r-rikorrent ghazel li ma japplikax ghall-process ta' selezzjoni ghal grad ta' Supretendent meta inghata d-debita opportunita`, izda ghazel li minflok jintavola l-proceduri odjerni, qed jippregudika l-istess Korp tal-Pulizija inkwantu fil-prezent l-Korp huwa sprovist minn ufficjali fi grad ta' Supretendenti u dan a skapitu tal-esigenzi tal-istess Korp u tas-socjeta` in generali;

"8. Illi in vista tar-ragunijiet fuq esposti, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent li s-sospensjoni kienet illegali hija legalment u fattwalment infondata;

"9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2014, li in forza taghha l-punti li thallew ghas-sentenza gew decizi fis-sens li gej:

**"Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali u ssib li l-mertu tal-azzjoni attriċi safejn tirrigwarda l-proċess għall-għażla ta' Suprintendent huwa eżawrit billi l-istess attur naqas milli jinqeda f'waqtu mill-jedd li jieħu sehem fl-imsemmi proċess;

**"Tiċħad għalhekk il-ħames u s-sitt talbiet attriċi** ladarba dawn huma marbuta mal-imsemmi proċess ta' għażla;

**"Tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla** bil-ġbir tal-provi u bit-trattazzjoni tal-ewwel erba' talbiet attriċi u tal-eċċezzjonijiet imressqin dwarhom; u

"**L-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza jibqgħu riżervati għas-sentenza aħħarija."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' Spettur. Lejn l-aħħar tal-2011, wara inċident li nqala', tnedew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu li wasslu biex tressaq ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixli b'xi reati. Minħabba f'hekk, hu ġie sospiż mis-servizz b'seħħ minn Mejju tal-2012. Huwa jgħid li l-mod kif ġie sospiż jikser dak li jipprovdu r-regolamenti tas-servizz u ta' dan qiegħed jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni li jkun sospiż u qiegħed jitlob ukoll il-ħlas tad-danni. Minbarra dan, huwa jilmenta wkoll li, f'eżerċizzju għall-promozzjoni fil-grad ta' Suprintendent, ma ngħatax il-possibilita' li jressaq applikazzjoni sewwasew għax kien sospiż. Huwa ressaq talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni biex iżomm il-proċess tal-għażla u t-talba tiegħu ntlaqgħet. Qiegħed jitlob li jitħalla jieħu sehem fl-imsemmi proċess li jrid ikun sanċit mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, (a) qalu li għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni u kemm hu hekk inħeles milli jibqa' fil-ġudizzju wkoll fil-proċedura għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni; (b) qalu li l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija wkoll mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi safejn jirrigwardaw l-ewwel erba' talbiet tal-attur li jirrigwardaw is-sospensjoni tiegħu mis-servizz ladarba l-grad tar-rikorrent jaqa' fil-kompetenza tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; (ċ) qalu li l-mertu tal-azzjoni huwa eżawrit ladarba, wara d-degriet mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fid-9 ta' Jannar, 2014, l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija bagħat jgħarraf lill-attur dakinhar stess li seta' japplika għall-proċess tal-promozzjoni gall-ħatra ta' Suprintendent bħal kull Spettur Anzjan ieħor, iżda l-attur għażel li ma jinqediex b'dik l-opportunita'. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

"Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari li trid li l-azzjoni tal-attur (safejn tirrigwarda l-proċess tas-sejħa għall-ħatra ta'

Suprintendent) issa hija eżawrita, ladarba l-attur tħalla jressaq it-talba tiegħu biex ikun kunsidrat f'dik il-ħatra;

"Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, jirriżulta li l-attur huwa uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Ilu li daħal fil-Korp bħala Kuntistabbli minn Frar tal-1992. F'Ġunju tal-1997 inħatar Surġent bi prova, u kien konfermat Surġent Tielet Klassi s-sena ta' wara. F'Lulju tal-1999 inħatar bħala Spettur bi prova. Ngħata l-ħatra ta' Spettur f'Lulju tal-2001 u b'seħħ mis-6 ta' Lulju, 2009, kien konfermat bħala Spettur Anzjan;

"Illi f'Diċembru tal-2011 wara inċident li nqala' fi stabiliment f'Paceville, l-attur kien tressaq b'arrest ma' ħaddieħor quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, u kien mixli b'reati[1]. Minħabba f'hekk, kien sospiż temporanjament mis-servizz fil-Korp b'nofs paga b'seħħ mit-23 ta' Diċembru, 2011, sakemm il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tiddelibera jekk għandhiex tirrakkomanda l-interdizzjoni tiegħu[2]. Il-Kummissarju tal-Pulizija kiteb lill-Kummissjoni fis-26 ta' Diċembru, 2011[3], għall-finijiet tar-regolament 12(3) tar-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[4] biex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha dwar jekk l-attur għandux ikun interdett;

"Illi, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Prim'Ministru kkonferma l-interdizzjoni u s-sospensjoni tal-attur mis-servizz b'nofs paga b'seħħ mill-4 ta' Mejju, 2012[5];

"Illi l-proċeduri kontra l-attur quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali għadhom mexjin;

"Illi f'Novembru tal-2012, ħarġet sejħa interna fil-Korp tal-Pulizija għall-mili ta' kariga ta' Suprintendent[6], li għaliha setgħu japplikaw dawk li kellhom ir-*rank* ta' Spettur Anzjan biss. L-applikazzjonijiet kellhom jitressqu sal-21 ta' Diċembru, 2012. Iċ-ċirkolari ntbagħtet b'mod elettroniku lil dawk fost l-Ispetturi Anzjani kollha li kellhom dak il-grad fil-Korp f'dak iż-żmien, minbarra lill-attur;

[1] Dok "KP2", f'paġġ. 22 – 3 tal-proċess
[2] Dok "KP1", f'paġ. 21 tal-proċess
[3] Dok "KP3", f'paġ. 24 tal-proċess
[4] A.L. 186 tal-1999 (L.S. Kost. 03)
[5] Dok "KP4", f'paġ. 25 tal-proċess
[6] HR/P.Circ. 2/12

"Illi l-eżerċizzju tal-ħatra taħt din is-sejħa ma kienx twettaq sa tmiemu bil-ħatra tal-persuna/i mitluba[7];

"Illi fid-9 ta' Awwissu tal-2013, ħarġet sejħa oħra interna fil-Korp tal-Pulizija għall-mili ta' kariga ta' Suprintendent[8], li għaliha din id-darba setgħu japplikaw biss dawk li kellhom ir-*rank* ta' Spettur Anzjan u li kienu ilhom f'din il-kariga għal minn tal-anqas tmien (8) snin minn mindu kienu kkonfermati fiha. L-applikazzjonijiet kellhom jitressqu sat-30 ta' Awwissu, 2013. Għal darb'oħra, iċ-ċirkolari ntbagħtet b'mod elettroniku lil dawk fost l-Ispetturi Anzjani kollha li kellhom dik il-kwalifika fil-grad fil-Korp f'dak iż-żmien, minbarra lill-attur;

"Illi l-fatt li l-attur kien interdett u sospiż ma kienx iżommu milli jressaq it-talba tiegħu. L-attur jisħaq li ma kienx jaf bl-ebda waħda miż-żewġ sejħat u li sar jaf bihom wara li kien għalaq iż-żmien li fih sata' ressaq it-talba tiegħu;

"Illi fl-10 ta' Diċembru, 2013, l-attur ressaq talba quddiem din il-Qorti biex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni[9] kontra l-imħarrkin biex il-Kummissarju jinżamm milli jimxi 'l quddiem "bl-eżerċizzju tal-għażla għall-grad ta' Supretendent tal-Pulizija u dan peress li l-esponenti nġustament ma ġiex ikkunsidrat għal dana l-eżerċizzju u dana peress li huwa ma ġiex mgħarraf bħal spetturi tal-pulizija oħra li applikaw". It-talba tal-attur intlaqgħet b'degriet mogħti fid-9 ta' Jannar, 2014;

"Illi sa dak inhar li tressqet it-talba biex jinħareġ il-Mandat, il-proċess tal-għażla kien għadu fl-istadju li kienu sejrin jibdew l-intervisti lil dawk li kienu applikaw, wara li kien inħatar il-Bord tal-għażla u tfasslu ħwejjeġ oħra loġistiċi bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[10]. Il-proċess twaqqaf minnufih minħabba li l-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat b'mod provviżorju;

"Illi b'ittra maħruġa dakinhar li ngħata d-degriet[11], l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija bagħat jgħarraf lill-attur li seta' jressaq l-applikazzjoni tiegħu għall-mili tal-kariga ta' Suprintendent sa mhux aktar tard mill-24 ta' Jannar, 2014, flimkien

[7] Xhieda ta' Ass. Kumm. Mario Spiteri 27.5.2014, f'paġ. 34 tal-proċess
[8] HR/P.Circ. 3/13
[9] Rik. Nru. 1868/13JZM (dekretat fid-9.1.2014)
[10] Xhieda ta' Ass. Kumm. Mario Spiteri 27.5.2014, f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[11] Dok "KP5", f'paġġ. 26 – 7 tal-proċess (fil-fatt l-ittra bi żball iġġib id-data ta' 9 ta' Jannar, **2013**)

ma' tagħrif ieħor hemm imsemmi. L-ittra twasslet lill-attur bl-idejn l-għada, 10 ta' Jannar, 2014;

"Illi l-attur wieġeb għal dik l-ittra b'att ġudizzjarju maħruġ (ittra uffiċjali) fil-15 ta' Jannar, 2014, li fiha xela lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-istedina li għamillu tmur kontra l-ordni tal-Qorti li jitwaqqaf il-proċess tal-għażla u jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti; minbarra dan, deherlu li l-istess stedina ma kenitx approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija wieġeb għaliha b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Jannar, 2014[12]. L-attur baqa' ma ressaqx applikazzjoni sad-data lilu mogħtija. Minflok, fl-24 ta' Jannar, 2014, fetaħ din il-kawża;

"Illi, sadattant, fl-14 ta' Jannar, 2014[13], is-Suprintendent Mario Spiteri f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija kien bagħat ittra lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku biex tgħidlu jekk hu setax iqis xi applikazzjoni mressqa mill-attur wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni favurih, ladarba applikazzjoni bħal dik ser tkun tressqet wara d-data tal-għeluq oriġinali stabilita meta saret is-sejħa. Għall-bidu, l-Kummissjoni wieġbet (fid-29 ta' Jannar, 2014) billi qalet li s-sejħa għall-applikazzjonijiet kellha titħassar u ssir sejħa ġdida b'dan li l-attur jitħalla jieħu sehem bl-istess mod li jistgħu jieħdu sehem dawk l-uffiċjali tal-Korp li kienu eliġibbli. Meta nġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni li dan sata' ma jkunx jaqbel ma' dak li kien ordnat fid-degriet tal-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, l-Kummissjoni ħassret il-fehma tagħha u (fil-11 ta' Frar, 2014) qalet li l-attur għandu jitħalla jressaq applikazzjoni wara ż-żmien għall-kariga ta' Suprintendent, bla ħsara għal dak li hemm ordnat fid-degriet għall-ħruġ tal-Mandat;

"Illi l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jridu jqisu jekk huwiex minnu li l-azzjoni mressqa mill-attur waqgħet ladarba huwa naqas li jressaq l-applikazzjoni tiegħu saż-żmien li kien ingħatalu wara l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni li kien kiseb fil-bidu ta' Jannar ta' din is-sena;

"Illi tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-azzjoni attriċi hija magħmula minn aktar minn azzjoni waħda: l-ewwel fergħa tirrigwarda l-aspetti tas-sospensjoni tiegħu mill-Korp u t-talba aċċessorja għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minħabba fil-mod kif saret dik is-sospensjoni; it-tieni fergħa hija marbuta mal-eliġibilita' tiegħu biex jieħu sehem fis-sejħa għall-mili tal-kariga ta'

[12] Dok "PPZ1", f'paġ. 57 tal-proċess
[13] Dok "PPZ", f'paġ. 63 tal-proċess

Suprintendent, liema sehem irid ikun sanzjonat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u għalhekk b'riferenza għat-talba minnu mressqa fil-Mandat ta' Inibizzjoni eventwalment milqugħ;

"Illi dan ifisser li l-eċċezzjoni taħt eżami tolqot biss it-tieni fergħa tal-azzjoni attriċi u mhux ukoll l-ewwel waħda. Kemm hu hekk, il-ġrajja li wasslu lill-attur biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma kienu jinfluwixxu bl-ebda mod l-ilmenti li huwa għandu kontra l-mod kif saret is-sospensjoni tiegħu mis-servizz fil-Korp, li kieku sa mill-bidunett kien ġie mgħarraf bis-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-mili tal-kariga ta' Suprintendent;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis jekk kemm-il darba l-eċċezzjoni preliminari hijiex mistħoqqa. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din l-eċċezzjoni tolqot biss il-ħames u s-sitt talbiet tal-attur. L-eċċezzjoni trid li ladarba l-attur naqas li jinqeda bl-istedina li għamillu l-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija biex iressaq l-applikazzjoni tiegħu għall-kariga ta' Suprintendent, b'hekk l-azzjoni attriċi safejn tirrigwarda l-imsemmija sejħa għall-ħatra waqgħet u ntfiet u l-Qorti m'għandhiex tqisha aktar;

"Illi l-għaref difensur tal-attur jgħid li huwa kellu raġunijiet tajbin biex ma jressaqx it-talba tiegħu għall-kunsiderazzjoni tal-Bord tal-Għażla għall-ħatra ta' Suprintendent, u jfisser l-offerta magħmula mill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija bħala waħda "mhix serja". Dawn ir-raġunijiet huwa jgħid li fissirhom lill-imħarrek fl-att ġudizzjarju li bagħatlu wara li dan kien stiednu biex japplika għall-kariga. Fuq kollox, iqanqal dubju dwar kemm tiswa dik l-offerta jekk kemm-il darba ma jirriżultax li saret bil-barka tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li hekk kif lill-attur saritlu l-istedina biex iressaq l-applikazzjoni tiegħu biex ismu jkun fost dawk li tħajru japplikaw l-mertu kollu tal-proċedura li huwa kien nieda biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kien twettaq. Iżidu jargumentaw li mhux hekk biss, iżda bin-nuqqas tal-attur li jitfa' l-applikazzjoni tiegħu saż-żmien lilu mogħti, ġie li tilef kull jedd li jieħu sehem aktar fl-istess sejħa għall-applikazzjonijiet u ntemmlu kull interess ġuridiku biex iżomm ħaj dak li seħħlu jikseb bil-ħruġ favurih tal-Mandat imsemmi;

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba. Jekk wieħed jifli sewwa x'talab l-attur meta ressaq ir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, wieħed isib li huwa ried li l-Qorti twaqqaf lill-imħarrek Kummissarju tal-Pulizija milli "jkompli jipprosegwi" bil-proċess tal-għażla u dan għaliex l-attur inġustament ma

kienx ikkunsidrat għal dak l-eżerċizzju u għaliex ma ġiex mgħarraf bħalma kienu mgħarrfin l-ispetturi l-oħrajn li setgħu jitfgħu l-applikazzjoni tagħhom. Dan ifisser li l-attur ma talabx għat-tħassir tal-proċess, iżda biss għat-twaqqif tiegħu sakemm jitħalla jieħu sehem huwa wkoll fl-imsemmi proċess. Din il-fehma toħroġ ċara kemm minħabba l-fatt li Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax jinħareġ biex iwaqqaf xiħaġa li tkun diġa' seħħet[14] u kif ukoll minn kliem l-istess attur fir-rikors tiegħu meta jgħid li "*jekk l-esponenti ma jitħalliex jipparteċipa huwa ser isofri preġudizzju ...*". Fl-għoti tad-degriet tagħha li bih laqgħet it-talba tal-attur għall-ħruġ tal-Mandat, dan kien sewwasew dak li l-Qorti tatu, jiġifieri l-jedd li l-proċess tal-għażla ma jissoktax qabel ma jitħalla jitfa' l-applikazzjoni tiegħu huwa wkoll;

"Illi hekk kif ingħata d-degriet, il-Kummissarju mħarrek bagħat jgħarraf lill-attur u stiednu biex jitfa' l-applikazzjoni tiegħu u tah żmien xieraq biex jagħmel dan. Fuq kollox, talbu l-istess tagħrif li ntalab minn kull min, bħall-attur, sata' jitfa' l-applikazzjoni tiegħu. Minbarra dan, mill-provi ħareġ li dan it-titwil taż-żmien u l-istedina lill-attur biex jitfa' l-applikazzjoni tiegħu saru bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Huwa minnu li l-parir tal-Kummissjoni dwar din l-eliġibilita' tal-attur biex jikkonkorri fil-proċess tal-għażla ngħata wara li kien għadda ż-żmien mogħti lilu fl-ittra li l-Kummissarju mħarrek kien bagħatlu fid-9 ta' Jannar, 2014, imma, minkejja dan, l-attur xorta waħda baqa' jagħżel li ma jitfax l-applikazzjoni tiegħu;

"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-għażla tal-attur li ma jitfax l-applikazzjoni tiegħu mewtet l-effetti kollha li kien kiseb bil-ħruġ tal-Mandat u dan ifisser li llum il-ġurnata lanqas għad fadallu l-jedd li jitqies eliġibbli aktar biex jieħu sehem fil-proċess tal-għażla u ġab lilu nnifsu fil-qagħda ta' dawk minn fost l-Ispetturi (jekk tabilħaqq kien hemm) li kienu għażlu li ma jressqux applikazzjoni għalkemm kienu eliġibbli li jagħmlu dan;

"Illi minn dak li jitlob fis-sitt talba tiegħu, jidher li l-attur għandu l-ħsieb li jwaqqaf għal kollox il-proċess tal-għażla bla ebda limitu ta' żmien u jorbtu mal-kwestjoni tas-sospensjoni tiegħu mill-Korp. Din il-Qorti diġa' qalet li tqis li ż-żewġ kwestjonijiet huma maqtugħa minn xulxin. Minbarra dan, l-għan għall-ħruġ tal-Mandat ma seta' qatt kien dak li jżomm u jwaqqaf b'mod indefinit proċess ta' għażla meħtieġ għall-Korp sakemm tintemm kull kwestjoni marbuta mas-sospensjoni tal-attur mis-servizz tiegħu mal-istess Korp. Kemm hu hekk, il-Qorti li laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat qieset il-jedd *prima facie* tal-attur li

[14] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***

jikkonkorri fis-sejħa għall-għażla (mhux li tabilfors jingħażel) minkejja li hu sospiż mis-servizz fil-Korp;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrkin għandhom raġun jgħidu li, safejn l-azzjoni tal-attur tintrabat mal-kwestjoni mqajma fil-proċeduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni u mal-proċess tas-sejħa għall-għażla fil-kariga ta' Suprintendent, dan illum huwa proċediment eżawrit. Ladarba l-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari, ikun ifisser li l-effett awtomatiku jkun li tiċħad il-ħames u s-sitt talbiet tal-attur, li l-effett tagħhom jiddependi mis-siwi tal-eċċezzjoni preliminari taħt eżami. Naturalment, jibqgħu bla mittiefsa l-ewwel erba' (4) talbiet tiegħu;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"... ... thassar, tirrevoka u tannulla l-istess sentenza moghtija sabiex b'hekk tichad it-tielet eccezzjoni tal-appellati u konsegwentement tilqa' l-hames u s-sitt talbiet attrici."

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tikkonferma *in toto* d-decizjoni appellata tat-2 ta' Ottubru 2014, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jallega li hu gie sospiz illegalment milli jaqdi dmiru ta' spettur fil-korp tal-Pulizija u qed jitlob id-danni. Jallega wkoll li peress li jinsab sospiz, ma setax japplika ghall-hatra ta' Supretendent fl-istess korp u talab dikjarazzjoni li ghandu jitqies eligibbli jiehu sehem fl-ezercizzju ta' promozzjoni. Hija din l-ahhar talba – il-hames wahda – li l-ewwel Qorti ddecidiet bis-sentenza preliminari taghha. Dik il-Qorti cahdet din it-talba wara li qieset li l-attur fil-fatt inghata l-opportunita` japplika ghal grad ta' suprentendent, izda, ghar-ragunijiet tieghu, hu ma applikax.

L-attur appella minn din is-sentenza peress illi, skont hu, kien ikun inutili li japplika ghall-kariga ta' Supretendent kif xtaq, jekk kien sospiz mill-qadi ta' dmirijietu.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-attur talab li jitqies eligibbli li jippartecipa fl-ezercizzju ta' selezzjoni ghal grad ta' suprentendent, u ghalkemm ghall-ewwel ma kienx ikkunsidrat ghal dak l-ezercizzju, il-Qorti, fuq talba tal-attur, ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni li, in effett, kienet izomm lill-Korp tal-Pulizija milli jissokta bil-process tal-ghazla qabel mal-attur jithalla jitfa' l-applikazzjoni tieghu huwa wkoll. Fid-dawl ta' dan, l-awtorita` kompetenti regghet ikkunsidrat l-posizzjoni taghha u l-attur gie mistieden biex jitfa l-

applikazzjoni tieghu u nghata zmien xieraq biex jaghmel dan. Din l-istedina lill-attur kienet approvata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) izda l-attur xorta naqas milli jipprevalixxi ruhhu minn din l-offerta li saritlu.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tqis illi kieku l-attur tefa’ applikazzjoni din kienet tkun “inutili”. L-attur talab li jithalla jikkonkorri, inghata c-cans u baqa’ ma ghamel xejn. Din il-Qorti ma tahsibx li l-attur stess talab xi haga ‘inutili’, u darba dak li talab, inghatalu, ma jistax issa iqis l-opportunita` li inghatatlu bhala pass ‘inutili’! Barra minn dan, darba li hu ma applikax, din il-Qorti ma tistax tqis it-trattament li seta’ inghata mill-bord tal-ghazla, u ma tistax tevalwa l-kaz tieghu. Lanqas ma gie muri l-kuntrarju ghal dak li ssottomettew il-konvenuti, dak li ufficcjal li jkun sospiz jista’ jintghazel wara process ta’ selezzjoni bil-promozzjoni tieghu tibqa mizmuma ghalih sakemm jigi reintegrat fis-servizz pubbliku, jekk ikun il-kaz.

L-attur, f’din il-kawza tieghu, talab li jigi kkunsidrat li fadallu l-jedd li jitqies eligibbli biex jiehu sehem fil-process tal-ghazla. Hu, fil-fatt, gie meqjus hekk u inghata l-opportunita` jippartecipa fil-process tal-ghazla, u hu abbuz tal-process gudizzjarju li taghzel li tinjora l-opportunita` moghtija u wara tilmenta li dik l-opportunita` ma kienet se twassal imkien. Veru li jista’ jkun hemm kazi fejn applikazzjoni tkun tidher ovvja li tkun se ssir ghal xejn, pero`, dan mhux wiehed minn dawn. Il-process ta’ selezzjoni tal-gradi ta’ supretendenti kien miftuh ghal kwalunkwe rizultat, u l-attur ma kienx muri l-“karta l-hamra”, kif

jallega hu stess, u mwarrab minhabba s-sospensjoni tieghu mill-korp. Bl-agir tieghu stess, l-attur tilef l-opportunita` li jitqies ghal promozzjoni f'dan l-istadju, u sewwa ghamlet l-ewwel Qorti li cahdet it-talba relattiva.

L-attur qal li ma applikax ghax, skont hu, l-istedina li saritlu ma kelliex l-approvazzjoni tal-P.S.C. L-attur, pero`, ma kien jaf xejn dwar dan, u xorta ma applikax avolja ma kienx jaf jekk il-P.S.C. tatx l-approvazzjoni taghha jew le. Fil-fatt, il-P.S.C. ta l-approvazzjoni tieghu, u l-attur ma kellux dritt jassumi li l-invit tal-Kummissarju tal-Pulizija kien wiehed irregolari. Darba li l-P.S.C. tat il-permess taghha biex l-attur japplika, lanqas l-attur ma kellu jassumi li kien se jitwaqqaf mill-ewwel billi jigi muri "il-karta l-hamra". L-attur ghamel hazin li "assuma" dawn l-affarijiet u jibqa' l-fatt li kellu l-opportunita` u hallieha tghaddi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell tal-attur billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez relattivi jithallsu mill-attur issa appellant.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' l-kaz.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------